**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 14 TA' APRIL 2020**
**DIGRIET KAMERALI**

**Rikors Revoka nru 250/2020 prezentat**

**minn Luke Camenzuli fit-30 ta' Marzu 2020**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju**

**Nru 256/20 fl-ismijiet:-**

**John Camilleri, Doreen Camilleri u Timothy Camilleri**

**Vs**

**Luke Camenzuli**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Luke Camenzuli** tat-30 ta' Marzu 2020 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talab ir-revoka in parte tal-

effetti tas-sekwestru fuq imsemmi billi jigi revokat in kwantu qed jolqot l-introjtu mensili tieghu ta' €2,765 u li jkun awtorizzat illi jizbanka l-ammonti konsistenti f'loan u insurcare repayments bil-prezentata tad-debiti ricevuti.

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numrui 256/20.

Rat id-digriet precedenti li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija gie ordnat il-ftuh tar-registru; rat ukoll id-digriet precedenti li permezz tieghu ordnat in-notifika lis-sekwestranti b'terminu ta' sebat ijiem ghall-prezentata ta' nota ta' sottomissjonijiet u dokumenti ai termini tal-artikolu 836 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimati sekwestranti gew notifikati fit-2 ta' April 2020.

Rat illi t-terminu moghti skada fit-13 ta' April 2020 minghajr ma l-intimati pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet ai termini tad-digriet imsemmi.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat.

Fi proceduri bhal dawk odjerni l-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet izda hija marbuta li timxi strettament ma dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12. Il-procedura hekk stabbilita hija wahda ta' natura straordinarja intiza sabiex il-lanjanza tigi trattata u deciza b'urgenza u fl-aqsar zmien possibbli. Huwa ghalhekk li l-procedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet

assocjati mal-procedura solenni tal-kawzi fil-mertu tant li l-Qorti ghandha l-fakolta' li titratta talbiet simili ghar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju minghajr il-htiega li tappunta seduta ghal smiegh viva voce. L-emfasi huwa l-urgenza u s-smiegh spedit.

In tema legali ssir referenza ghad-decizzjoni moghtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**[1] , fejn ġie stabbilit illi: "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et,** deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

Fuq l-istess binarju hija d-decizzjoni moghtija fil-proceduri fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et**[2] ,fejn il-Qorti stabbiliet illi: "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi

[1] PA. 28.04.15
[2] PA. 20.01.16

għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca vs. George Galea**, 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,** tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

It-talba mressqa bil-mezz tar-rikors in dizamina ser tigi trattata fit-termini tal-**Artikolu 836 (1) (f)** li jipprovdi illi l-Qorti ghandha l-fakolta li tirrevoka in parte jew in toto mandat kawtelatorju "**Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu ................**"

Gie ritenut fis-sentenza **Lombard Bank plc v. Dr. Melvyn Mifsud et**[3]**:-**

"*Kwantu ghall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f) gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "**Spiteri v Darmanin**" - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2007) "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat*

[3] PA. 30.04.2015.

*jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Fil-provvediment tal-4 ta' Frar 2016, moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Steven Pace et v. Paul Camilleri et** inghad:-

*"Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."*

Gie wkoll ritenut illi:-

*"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw*

*li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz*[4].

Ikkonsidrat;

Ir-rikorrent sekwestrat spjega kif il-mandat imsemmi mhux biss effettwalu s-*savings* bankarji kollha tieghu izda wkoll l-introjtu mill-paga tieghu illi tigi depozitata direttament fil-kont bankarju. Ghalhekk jinsab f'sitwazzjoni disperata in kwantu b'rizultat dirett tal-mandat de quo l-introjtu tieghu spicca kollu imblukkat mil-lejl ghan-nhar. Din is-sitwazzjoni tkompli taggrava peress illi apparti l-ispejjez necessarji ghall-ghixien jirrizulta illi r-rikorrent ghandu l-obbligu li jhallas mensilment is-somma ta' €835.53 bhala *loan repayment* kif ukoll is-somma mensili ta' €189.05 bhala *home insurance premium.*

In tema legali l-Qorti hi tal-fehma illi sabiex tapplika id-dispost tas-sub inciz (1) (f) tal-artikolu 836 f'dak li jirrigwarda ir-ragonevolezza jekk jinzammx mandat kawtelatorjufis-sehh, illi mhux necessarjament mehtieg li jirrizulta xi kambjament fic-cirkostanzi mil-jum li fih ikun inhareg il-mandat sal-jum li fih jigi pprezentat ir-rikors revoka. Fil-fehma tal-Qorti jista' jkun hemm cirkostanzi li jindikaw li mandat, sa mill-ewwel jum, m'ghandux jibqa' fis-sehh in toto jew in parte. Mhux necessarjament mehtieg li jkun hemm bdil fic-cirkostanzi mill-jum li fih ikun inhareg il-mandat kawtelatorju. Tali fehma hija msahha mill-fatt illi kif isehh fil-maggorparti tal-kazijiet, mandat ta' sekwestru kawtelatorju jinhareg minghajr l-ebda

[4] PA. 10.08.2012 [Rikors Nru 688/2012]. Ara wkoll PA. 22.10.2015 **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et.**

indagini ta' xejn lanqas *prima facie.* Il-Qorti toqghod fuq il-gurament tas-sekwestranti, anzi ta' wiehed jew wahda biss mis-sekwestranti, jekk ikun hemm diversi bhal fil-kaz prezenti. L-ebda indagini ma ssir preventivament sabiex il-Qorti tevalwa jekk hux regonevoli li tordna l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi una volta sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma hux mehtieg li qabel il-Qorti tindaga jekk hux ragonevoli li tohrog tali mandat; hekk ukoll mhux mehtieg li jrid ta' bilfors jirrizultaw bdil fic-cirkostanzi mill-jum li tali mandat ikun inhareg sabiex il-Qorti tindaga jekk fic-cirkostanzi hux regonevoli li l-mandat jibqa' fis-sehh, sew jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi sew jekk ma jkunx hemm; sew jekk il-mandat ikun ilu x-xhur li inhareg, sew jekk ikun ilu biss ftit sieghat.

Fil-fehma tal-Qorti il-kelma "jinzamm" m'ghandix necessarjent tinftiehem li jehtieg li jkun hemm bdil fic-cirkostanzi. Il-Qorti tifhem illi kieku dak kien il-hsieb tal-Legislatur id-dicitura fis-sub inciz 836 (1) (f) kienet tkun diversa billi tirreferi ghal bdil fic-cirkortanzi kif taghmel per ezempju fis-sub inciz (5) tal-istess artikolu.

Ghaldaqstant tikkonkludi u tiddeciedi illi jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 u tiddikjara illi fic-cirkostanzi ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi in kwantu jolqot il-paga mensili gross tar-rikorrent sekwestrat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta', tiddeciedi u tiddekreta definittivament ir-rikors ta' Luke Camenzuli tat-30 ta' Marzu 2020 billi tilqghu u tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru bin-numru 256/20 fl-ismijiet premessi bil-mod segwenti:-

1. Tirrevoka l-effetti tas-sekwestru *de quo* minn fuq l-introjtu mensili ta' Luke Camenzuli fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u hamsa u sittin ewro (€2,765) fix-xahar;

2. Tawtorizza lil Luke Camenzuli sabiex jizbanka mill-kontijiet bankarji sekwestrati tieghu l-ammont ta' €2,765 fix-xahar;

3. Tordna li jinhareg l-opportun kontro mandat u li jsiru n-notifiki skond il-ligil;

4. Tordna li l-ftuh tar-registru ordnat precedentement jibqa' miftuh sabiex jigi pprezentat u jinhareg ghan-notifiki l-opportun kontro mandat.

Bl-ispejjez rizervati ghas-sentenza fil-kawza fil-mertu.

**Moghti kameralment illum 14 ta' April 2020.**

**Onor. Imhallef Robert G.Mangion**